MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 5/2011

Kawza fil-lista: 28

**A B bhala kuratrici ad litem**
**ta' bintha C D**
**vs**
**E F u G [G B]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li fl-14 ta' Novembru 2010 l-attrici weldet tifla bl-isem C D u dan mir-relazzjoni taghha mal-konvenut E F; li l-attrici ilha *de facto* separata minn ma' zewgha G B mis-sena 2008; u fiz-zmien il-koncepiment tat-tarbija hija kellha relazzjonijiet intimi esklussivament mal-konvenut E F; li ghalhekk huwa dan il-konvenut il-missier naturali tat-tifla; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara li l-

konvenut E F huwa l-missier naturali tat-tifla C D, u mhux il-konvenut G B; u li din il-Qorti tordna d-debiti korrezzjonijet fl-att tat-twelid tal-minuri numru 3669/2010; bl-ispejjez;

Rat in-nota prezentata mill-konvenut E F li biha ammetta li hu l-missier naturali tat-tifla;

Rat in-nota prezentata mill-konvenut G B li biha ddikjara li huwa mhux qed jopponi ghat-talbiet, stante li t-tifla mhijiex il-wild tieghu;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-ispizjara Dottoressa Marisa B;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li tifla C D li twieldet fl-14 ta’ Novembru 2010 u li fl-att tat-twelid taghha numru 3669/10 giet registrata bhala bint il-konvenut G B, hija fil-fatt it-tifla naturali tal-konvenut E F.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta provat li l-attrici sseparat *de facto* minn ma’ zewgha l-konvenut G B f’ April tas-sena 2008, u minn dak iz-zmien qatt ma kellha relazzjonijiet intimi ma’ zewgha. Fis-sena 2009 hija kellha relazzjonijiet intimi esklussivament mal-konvenut E F, inkluz iz-zmien li fih giet koncepita t-tifla. Ghalhekk it-tifla hija l-wild naturali ta’ dan il-konvenut.

Illi t-testijiet tad-DNA jikkonfermaw xjentifikatament din it-tezi ta’ l-attrici.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici fis-sens li, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut E F huwa l-missier naturali tat-tifla C D li twieldet mill-attrici fl-14 ta’ Novembru 2010, tordna li l-att tat-twelid fuq imsemmi jigi korrett fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenut E F.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------